MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 41/2012

**Eskander Hany**

**Vs**

**Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Affarijiet tal-Expatriates, l-Onorevoli Prim'Ministru u l-Avukat Generali**

Permezz ta' rikors prezentat fil-25 ta' Mejju 2012, ir-rikorrent ippremetta:-

L-esponent ilu Malta ghal dawn l-ahhar tnax-il snin u b'mod permanenti ghal dawn l-ahhar tmien snin.

Illi, tul dan il-perjodu, huwa kien sab impjieg ma’ Rocky Company Limited bhala sales manager u din il-kumpanija kienet applikat ma' l-ETC sabiex jinghata permess tax-xoghol.

Illi l-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig kienet irrifjutat l-applikazzjoni tieghu u sussegwentement l-esponent u kif ukoll is-socjeta Rocky Company Limited kienu ppresentaw kawza kontra l-ETC f'liema kawza il-Qorti intalbet tirrevoka d-decizjoni ta' l-ETC. Il-kawza ghandha citazzjoni numru 244/2010 u hija pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef J. R. Micallef u differita ghall-24 ta' Mejju 2012.

Illi l-esponent, stante li ghandu kull interess isegwi u jidher f' dawn il-proceduri talab estensjoni tal-visa tieghu u tali estensjoni sa' ftit ilu dejjem kienet qed tinghata. Fil-fatt l-ahhar li inghata estenzjoni kienet fl-24 ta' Jannar 2012 u dan sat-2 ta' April 2012.

Illi dan l-ahhar stante illi l-visa tieghu kienet ser tiskadi fit-2 ta' April 2012, rega' talab estensjoni ohra pero din id-darba l-intimat Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanzi u l-Affarijiet ta' l-Expatriates irrifjuta li jakkorda tali estensjoni.

Illi tali rifjut m'huwiex gustifikat stante li tilledi d-dritt ta' l-esponent ta' smiegh xieraq u dan minhabba li mhux ser ikun possibli ghalih li jsegwi l-andament tal-proceduri li istitwixxa quddiem dawn il-Qrati.

i) tiddikjara illi, minhabba illi l-intimat Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanzi u l-Affarijiet ta' l-Expatriates, qieghed jirrifjuta illi jgedded il-visa ta' l-esponent, dan qieghed effettivament icahhad lill-esponent milli jsegwi l-proceduri istitwiti minnu fl-ismijiet *Rocky & Co. Ltd. Et Vs Korporazzjoni Ta' Xoghol U Tahrig* u dan jilledi d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti fosthom artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

ii) taghtih dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa ghat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom li tordna lill-intimat Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanzi u l-Affarijiet ta' l-Expatriates li jestendi l-visa ta' l-esponent sabiex ikun jista' jsegwi l-proceduri civili hawn fuq imsemmija,

u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

**Twegiba tal-intimati[1].**

Permezz ta' twegiba prezentata fl-20 ta' Gunju 2012, l-intimati wiegbu:-

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qieghed jallega illi n-nuqqas tal-hrug tal-Visa allegatament jivvjola d-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti permezz ta' l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent u jissottomettu li dawn huma kollha nfondati fil-fatt u fi-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Illi in linea preliminari, l-esponenti jissottomettu illi dak li r-rikorrenti qed jirreferi ghalih bhala 'Visa' huwa dak li huwa maghruf bhala 'permess ta' residenza'. F'dan ir-rigward in kwantu dina l-funzjoni tal-hrug tal-permessi ta' residenza ma tispettax lill-Prim Ministru u lanqas lill-Avukat Generali, l-esponenti jissottomettu illi dawn l-intimati mhumiex il-legittimi kontradditturi ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi qieghed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellu a disposizzjoni tieghu rimedji ordinarji sabiex

[1] Fol. 8.

ihares id-drittijiet pretizi minnu u dan fil-forma ta’ azzjoni ta’ stharrig gudizzjaru ai termini ta’ l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta’ Malta. Di piu’ ghal dak li jirrigwarda l-hrug ta’ Visa, ir-rikorrenti jistgha dejjem jintavola applikazzjoni ma’ l-awtoritajiet kompetenti.

F’dan ir-rigward l-esponenti jirreferu ghall-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u ghall-*proviso* ghall-Artikolu 4 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi l-agir ta’ l-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti huwa wiehed ghal kollox legittimu. Id-decizjoni mehuda hija wahda fit-terminu ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta) u dan peress illi kull permess ta’ residenza jinhareg ghall-skop specifiku u jkun marbut ma’ tali skop. F’dan il-kaz l-iskop li ghalih hareg il-permess ta’ residenza kien il-permess tax-xoghol. Gialadarba r-rikorrenti ma ghandux permess tax-xoghol ma ghad fadal l-ebda skop sabiex ir-rikorrenti jibqa’ jirrisjedi f’Malta. Madanakollu r-rikorrenti jista’ dejjem isegwi l-kawza li ghandu pendenti quddiem il-Qrati nostrani billi japplika sabiex tinhariglu l-Visa fil-pajjiz ta’ origini tieghu peress illi l-Istat Malti huwa marbut bil-Konvenzjoni tas-Schengen dwar hrug u dhul fit-territorju tas-Schengen u dan ghall-ghan ahhari li jkun jista’ jattendi s-seduti quddiem il-Qorti.

Illi gialadarba illi l-permess ta’ residenza tar-rikorrenti skada l-istess rikorrenti huwa meqjus bhala immigrant projbit ai termini ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi in linea preliminari dawn l-Artikoli mhux applikabbli stante li materja li tirrigwarda ghoti jew tnehhija ta’ permess ta’ residenza hija kwistjoni ta’ dritt pubbliku u ghalhekk ma tikkwalifikax bhala ‘dritt jew obbligu civili’ ghal finijiet ta’ l-istess Artikoli kif jirrizulta ampjament mill-gurisprudenza kemm nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi in linea preliminari dawn l-Artikoli huma wkoll inapplikabbli stante illi dawn l-artikoli jirreferu ghall-

proceduri li jkunu gia nbdew quddiem l-awtorita' gudizzjarja kompetenti u ma jirreferux ghall-istadju amministrattiv ta' l-ipprocessar ta' applikazzjonijiet.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz, l-esponenti ma jistghu jitqiesu li kissru ebda dritt ghal smiegh xieraq tar-rikorrenti. Il-fatt illi giet michuda l-applikazzjoni tar-rikorrenti ghal permess ta' residenza f'Malta ma jikkostitwixxix ksur tad-drittijiet fundamentali.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt li r-rikorrenti ma jkunx jirrisjedi f'Malta ma jipprekludix u wisq inqas jilledi d-dritt tar-rikorrenti illi jsegwi kawza quddiem il-Qrati nostrana. Illi fi kwalunkwe kaz il-jedd ta' access ghal-Qorti m'huwiex determinat esklussivament mill-prezenza f'Malta tal-persuna li tkun fethet il-kawza.

Illi r-rimedji procedurali mahsuba fil-ligi procedurali Maltija jassikuraw lil min irid jinqeda minnhom kull garanzija dwar smigh xieraq, anke jekk tali persuna ma tkunx fizikament prezenti f'Malta.

Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu u fil-konfront ta' l-esponenti ghandu jigi enfasizzat li l-esponenti jista' johrog permess ta' residenza kif qed jippretendi r-rikorrenti gialadarba jkun hareg permess tax-xoghol da parti tal-Korporazzjoni kompetenti.

Il-fatt illi r-rikorrenti kien inghata permess temporanju ta' residenza bl-ebda mod ma jwiezen favur it-tezi tar-rikorrent u dan peress illi l-Istat ghandu diskrezzjoni totali f'dawn il-kwistjonijiet.

Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-Artikoli.

**Konsiderazzjonijiet**.

L-ilment tar-rikorrent hu li d-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanzi u l-Affarijiet ta' l-Expatriates irrifjuta li jaghti

estensjoni ta’ visa biex ir-rikorrent jibqa’ Malta wara t-2 ta’ April 2012. Ir-rikorrent isostni li jrid jibqa’ Malta biex ikun jista’ jsegwi l-kawza numru 244/2010 fl-ismijiet **Rocky & Co Limited et vs Korporazzjoni ta’ Xoghol u Tahrig** (244/2010).

Jidher li l-intimati Prim’Ministru u Avukat Generali m’humiex il-legittimi kontraditturi meta tqies li l-ilment tar-rikorrent hu ndirizzat fil-konfront tad-Dipartiment tac-Cittadinanzi u l-Affarijiet tal-Expatriates. Fir-rikors promotur ir-rikorrent jilmenta li d-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Affarijiet tal-Expatriates, *“....qieghed effettivament icahhad lill-esponent milli jsegwi l-proceduri istitwiti minnu fl-ismijiet Rocky & Co Ltd et vs Korporazzjoni ta’ Xoghol u Tahrig u dan jilledi d-drittijiet fundamentali ta’ l-esponenti fosthom artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.”*. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ser tintlaqa’.

L-intimati jsostnu li r-rikorrent kellu rimedji ohra. Il-qorti ma taqbilx meta tqies li:-

i. Il-permess ta’ residenza li kien qieghed jinghata lir-rikorrent minn zmien ghal zmien, kien minhabba permess ta’ xoghol li kienet qeghda tatih il-Korporazzjoni ta’ Xoghol u Tahrig[2]. Skond regolament 12 tal-Avviz Legali 205 tal-2004: *“Cittadin ta’ Pajjiz Terz ghandu jkun intitolat biss li jirrisjedi f’Malta jekk jinhariglu permess uniformi ghal residenza ghal skop specifiku.”*.

ii. Ladarba l-permess ta’ xoghol skada, ir-rikorrent ma kellux mezzi ordinarji biex jikkontesta fi proceduri gudizzjarji ‘l fatt li ma regax inghata permess ta’ residenza. Fir-realta’ jirrizulta li r-rikorrent kellu l-permess uniformi ta’ xoghol ghall-perjodi bejn 24 ta’ Jannar 2007 sal-21 ta’ April 2007; 23 ta’ Mejju 2007 sat-30 ta’ Jannar 2009 u 23 ta’ Marzu 2009 sat-30 ta’ Novembru 2009. Wara l-ahhar permess kien beda jinghata dak li jissejjah bhala awtorizazzjoni interim.

[2] Ara nota a fol. 26.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-intimati jsostnu li r-rikorrent kellu kull opportunita' li jipproponi kawza ghall-stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv (Artikolu 469A tal-Kap. 12). Il-qorti ma taqbilx meta tqies li fuq bazi ta' *prima facie* tali proceduri ma setghu qatt joffru xi rimedju. M'hemmx dubju li l-ilment tar-rikorrent m'ghandu x'jaqsam xejn mal-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Jirrizulta li wara t-30 ta' Novembru 2009 l-intimat kien qieghed perjodikament johrog "awtorizazzjoni interim" biex ir-rikorrent jibqa' Malta minhabba li kellu kwistjoni pendenti mal-Korporazzjoni dwar il-hrug ta' permess tax-xoghol.

L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jirrelataw ghad-dritt ta' kull persuna li jkollha smiegh xieraq fid-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi civili u fi proceduri kriminali. L-ilment tar-rikorrent jidher li hu li bil-fatt li wara t-2 ta' April 2012 id-Dipartiment ma tahx permess iehor, wassal biex qieghed jichadlu d-dritt tieghu li jippartecipa b'mod attiv fil-kawza fuq imsemmija.

Jirrizulta li r-rikorrent kellu permess ighix f'Malta peress li kellu permess ta' xoghol mahrug mill-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig. Permezz ta' ittra tad-19 ta' ta' Jannar 2010, il-Korporazzjoni infurmat lil Rocky & Co Limited li t-talba taghha biex ir-rikorrent jinghata permess biex jahdem bhala *Sales Manager*, giet rifjutata[3]. Jirrizulta li d-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Affarijiet tal-Expatriates kien qieghed igedded il-permess sabiex ir-rikorrent ikun jista' jibqa' Malta, *"fuq bazi umanitarja"*[4]. Fil-fatt permezz ta' ittra legali datata 24 ta' Jannar 2012, id-Dipartiment gie nfurmat li l-permess tieghu biex jibqa' Malta jiskadi fil-31 ta' Jannar 2012 u kellu bzonn isiefer l-Egittu sad-9 ta' Frar 2012, ghall-perjodu ta' bejn tlett gimgha u xahar. Ghalhekk talab li l-permess jigi estiz *"....sa gimgha wara l-14 ta' Marzu 2012."*. It-twegiba li nghatat, permezz ta' ittra tat-13 ta' Frar 2012, kienet:-

*"............... a residence permit will be given to your client valid until the 2nd April 2012 on the grounds of the*

[3] Fol. 20.
[4] Ara deposizzjoni ta' Mark Sultana tad-19 ta' Novembru 2012.

*humanitarian of this case and in order to give him time to windup any outstanding things in Malta.*

*Please note that if your client wishes to travel to Malta following the expiry of the said permit, an entry visa would be required to proceed to Malta.”*.

Mill-ftit provi li tressqu l-qorti hi tal-fehma li m’hemm xejn milli qieghed izomm lir-rikorrent li:-

i. Jahtar mandatarju sabiex ikun jista’ jidher ghalih fil-kawza 244/2010. Dan qieghed jinghad mehud ukoll in konsiderazzjoni li fil-kawza 244/2010 is-smiegh tal-provi nghalaq. Tant hu hekk li fil-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Jannar 2013 gie verbalizzat hekk[5]:-

*“Meta ssejhet il-kawza deher Hani Eskander ghall-kumpanija attrici u attur proprio mhux mghejjun minn avukat. Dehret Maria Bartolo Galea ghall-Korporazzjoni intimata mghejjuna mill-avukat Victoria Cuschieri.*

*Peress illi l-Assistent Gudizzjarju temmet il-hatra moghtija lilha u wara li rat l-art 165 tal-Kap 12;*

*Il-Qorti qed taghti lill-atturi zmien sat-22 ta' Frar, 2013, biex iressqu n-nota ta' sottomissjonijiet bil-visto tal-avukati tal-intimati.*

*U qed thali l-kawza ghall-ezami tal-istess Nota ghall-5 ta' Marzu, 2013 fid-9:30am u biex dak inhar jinghata zmien lill-intimati biex iressaq u s-sottomissjonijiet taghhom.”*.

ii. Ladarba jmur lura l-Egittu, japplika mal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni ghall-hrug ta’ visa biex ikun jista’ jigi Malta ghas-seduti fil-kawza fuq imsemmija[6].

Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li ghalkemm ir-rikorrent ghadu jinsab Malta, ma jidhirx li ghen lilu nnifsu

---

[5] Ladarba saret riferenza ghal din il-kawza, li wara kollox hi r-raguni ghalfejn ir-rikorrent qieghed isostni li ghandu jithalla jibqa’ Malta, il-qorti tqies li hu legittimu li ssir riferenza ghal dawk l-atti.
[6] Ara d-deposizzjoni tal-Ispettur Mario Haber.

fil-kawza l-ohra. Fil-fatt fil-verbal tal-24 ta’ Mejju 2012 jinghad:-

*”Il-Qorti tirrileva illi mill-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju mit-18 ta' Jannar 2012 sas-16 ta' Mejju 2012.* ***L-atturi kellhom ghad-disposizzjoni taghhom hames seduti li fihom setghu jressqu l-provi u dan m'ghamluhx****. Wara li rat il-verbal tas-seduta ts- 16 ta' Mejju 2012 quddiem l-assistent Gudizzjarju l-Qorti qieghda tordna illi s-seduta ga iffisata tal-20 ta' Gunju, 2012 fil-11.00am tkun l-ahhar seduta li fiha l-atturi jistghu jressqu il-provi taghhom.”* (enfazi tal-qorti).

Dikjarazzjoni li turi l-mod xejn diligenti li bih ir-rikorrent mexxa l-kaz tieghu. Dan ghalkemm kien jaf li d-Dipartiment kien qieghed jatih awtorizazzjoni interim biex jibqa’ Malta ghall-perjodu defenit minhabba l-kwistjoni li ghandu mal-Korporazzjoni, awtorizazzjoni li kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta’ Dicembru 2009 sat-2 ta’ April 2012. Konxju mill-qaghda prekarja tieghu f’Malta, kien fl-interess tar-rikorrent li jmexxi l-kaz tieghu b’mod efficjenti u serju u mhux joqghod ikaxkar saqajh. Il-qorti hi moralment konvinta li kien il-mod kif ipproceda r-rikorrent fil-kawza 244/2010 li li wassal ghas-sitwazzjoni tal-lum.

F’dawn ic-cirkostanzi l-qorti m’ghandix dubju li l-ilment tar-rikorrent hu bla bazi.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

**1. Tilqa’ l-ewwel eccezzjoni u tiddikjara li l-Prim’Ministru u l-Avukat Generali m’humiex il-legittim kontradditturi u ghalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.**
**2. Tichad it-tieni eccezzjoni spejjez a karigu tal-intimat l-iehor.**
**3. Tichad it-talbiet tar-rikorrent.**

**Spejjez a karigu tar-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------